MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 309/2008

**Go plc (C22334)**
**vs**
**Catherine Barbara (ID 4242159M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ atturici talabet hlas ta’ erba’ mija u tmien ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€408.43) in konnessjoni ma’ servizz telefoniku li jgib in-numru 21641613 (CN3272157-AC10154852) skond diversi dokumenti mehmuza ma’ l-avviz immarkati bhala IZY 1 u IZY2 u ezebiti in atti

Illi ghalkemm nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet .

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn ecepixxiet illi t-talbiet attrici huma infonadati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Catherine Barbara.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' servizz telefoniku moghti lill-konvenuta mis-socjeta' attrici li baqa' ma thallasx.

Illi skont il-provi dokumentali ezebiti mis-socjeta' attrici jirrizulta li jezisti *'statement'* fuq isem Catherine Barbara fuq in-numru 21641613 fil-waqt illi mat-talba gie ezebit dokument iffirmat mill-konvenuta li hija applikazzjoni ghal-linja telefonika fuq in-numru '682455' li ma jikkorispondix ghan-numru imnizzel fit-talba u fl-i*statement* anness. Jirrizulta ezebit ukoll dokument immarkat bhala GO-1, a fol.36 tal-process, li jindika bilanc ta' €641.37 li minnu kellu jithallas €46.59 gja LM20 kull xahar sakemm jinqata' l-bilanc. Illi dan id-dokument huwa '*repayment agreement'* iffirmat mill-konvenuta. Illi mill-i*statement* ezebit jirrizulta li fit-12 ta'April, 2006, sar pagament ta' LM20 ta' dak iz-zmien u sussegwentement saru erba' pagamenti ohra ta' LM20 ta' dak iz-zmien u wara l-ahhar pagament li gie entrat fil-15ta' Dicembru, 2006 ma saru ebda pagamenti ohra.

Illi jirizulta car u manifest lit-Tribunal illi ghalkemm l-applikazzjoni tat-telefon ezebita mat-talba ma tikkorispondiex ghan-numri indikati fit-talba, in-numru 21641613 jirrizulta car illi d-debitu tat-talba jikkorispondi ma '*Payment Programme Agreement'* imhejji mis-socjeta' attrici fit-12 ta' April, 2006 u accettat u ffirmat mill-konvenuta.

Illi skont ix-xhieda tal-konvenuta Catherine Barbara hija ma ftakkritx jekk in-numru 21641613 kienx taghha ghaliex

kien ilu li ghadda z-zmien, u qalet illi meta hija qalbet ghal mall-'*Easyline*' kienet hallset kwalunkwe' pendenza li hija kellha mas-socjeta' attrici u ma jidhirlix li kellha taghti xejn iktar. Intqal mill-konvenuta li hija ma tiftakarx jekk kienetx iffirmat '*repayment programme'* mas-socjeta' attrici u l-anqas ftakkeret jekk l-ahhar ammont ta' LM20 ta' dak iz-zmien, kien thallas f'Dicembru, 2006. Il-konvenuta izda kkonfermat illi l-firma fil-'*Payment Programme'* huwa taghha izda ma ftakkritx illi kienet iffirmat ebda dokument.

Illi mill-provi jirrizulta car illi s-socjeta' attrici ppruvat li l-konvenuta hija debitrici fis-somma indikata fit-talba.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt bid-dokumenti ezebiti in atti u jghid illi ghalkemm id-dokument a fol.4 ma jirriferiex ghan-numru 21641613, id-dokument ezebit a fol. 36 immarkat bhala GO-1 huwa l-ftehim milhuq bejn il-partijiet ghall-hlasijiet mensili fuq in-numru tat-telefon 21641613 mertu tat-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici fis-somma ta' erba' mija u tmien ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€408.43 ) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------